MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 275/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Sammut**
**John Mary Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Sammut u John Mary Vella talli f'dawn il-Gzejjer gewwa San Giljan, matul ix-xahar ta' Frar 2007 u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi:

(1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila, fl-arti jew il-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi

haga u cioe` l-fond 54, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, ghad-dannu ta’ Dorothy Lentini;

(2) bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta` ta’ Dorothy Lentini;

u lil Anthony Sammut wahdu talli fl-istess xhur, zminijiet, hinijiet, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti izda li jiksur l-istess disposizzjonijiet tal-ligi:

(3) dahal abbuzivament f’dar jew lok iehor jew f’recint u cioe` l-fond 54, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, permezz ta’ ksur, imfietah foloz jew skalata ghad-dannu ta’ Dorothy Lentini;

(4) bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita` tieghu innifsu, jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu jew hatt bini, jew kisser mixi tal-ilma, jew b’xi mod iehor kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta’ Dorothy Lentini;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti (1) sabet lill-imsemmi John Mary Vella hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 328(d), 340(d) u 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal detenzjoni ghal perijodu ta’ hmistax-il gurnata; u (2) sabet lill-imsemmi Anthony Sammut hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 328(d), 340(d), 264, 266, 330(b) u 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal perijodu ta’ detenzjoni ta’ tliet xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmijin Anthony Sammut u John Mary Vella pprezentat fis-16 ta’ Lulju 2007 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti, tirrevoka s-sentenza appellata fir-rigward ta’ l-appellant John Mary Vella, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u, fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma htija, li

tvarja l-piena imposta ta’ detenzjoni ghal piena ohra mhux ta’ karcerazzjoni effettiva skond il-ligi, u fir-rigward ta’ l-appellant Anthony Sammut, fil-kaz li jidhrilha illi hu ma nstabx hati tar-raba’ imputazzjoni stante li ma ssemmiex fis-sentenza l-artikolu tal-ligi ndikat meta l-Qorti giet biex tinfliggi l-piena, li tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma nstabx hati tar-raba’ imputazzjoni u tirrevokaha in kwantu nstab hati tat-tliet imputazzjonijiet l-ohra u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u fil-kaz li din il-Qorti jidhrilha illi hu nstab hati anke tar-raba’ imputazzjoni nonostante li ma ssemmiex l-artikolu ndikat meta l-Qorti nfliggiet l-piena, li tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u inoltre fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tieghu *in parte* jew *in toto*, li tvarja l-piena imposta ta’ detenzjoni ghal piena ohra mhux ta’ karcerazzjoni effettiva skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza preliminari tas-27 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha din il-Qorti laqghet l-aggravju preliminari ta’ l-appellant Anthony Sammut dwar in-nullita` tas-sentenza appellata u ghalhekk iddikjarat s-sentenza appellata nulla in kwantu tirrigwarda biss lill-istess appellant Anthony Sammut u, a tenur ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, ghaddiet biex tittratta l-kaz fil-mertu;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji/sottomissjonijiet ta’ l-appellanti sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*.

**<u>Dwar l-appellant John Mary Vella</u>**

L-appellant Vella jsostni illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jwasslux fil-grad li trid il-ligi ghal sejbien ta’ htija taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Dwar l-ewwel imputazzjoni pero` jghid preliminarjament illi fl-atti ma giet ipprezentata l-ebda kwerela kif rikjest mill-*proviso* tas-subartikolu (d) ta' l-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma setghux jittiehdu proceduri kontra tieghu. Din il-Qorti ma taqbilx. Filwaqt li huwa minnu li ma gietx ipprezentata kwerela bil-miktub, jirrizulta illi saret kwerela (anzi saru kwereli) bil-fomm kif jirrizulta mill-okkorrenza Dok. NS1 a fol. 14 sa 17 tal-process. L-artikolu 538 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li: **"Kull persuna li jidhrilha li hi offiza b'reat u tkun trid taghmel kwerela ghall-kundanna tal-hati, jekk maghruf, jew, jekk mhux maghruf, fil-kaz li jinkixef, tista' taghmel din il-kwerela lil kull ufficjal tal-Pulizija, <u>ukoll</u> b'ittra"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kelma "ukoll" tfisser li hemm mezzi ohrajn ta' kif tista' ssir kwerela. Mela l-kwerela bil-fomm mhijiex eskluza. Difatti s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta ma jistghux jinfethu proceduri kriminali hlief bit-talba tal-privat, l-imputat jista', ukoll qabel l-ezami tieghu, jitlob li tingieb il-kwerela, jekk din tkun saret bil-miktub, inkella li jingiebu provi ohra ta' dik il-kwerela, <u>jekk din tkun saret bil-fomm</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). F'dan il-kaz il-kwerelanti xehdet quddiem l-ewwel Qorti u regghet xehdet quddiem din il-Qorti. Inoltre xehdu l-Ispettur Martin Sammut u P.S. 1244 Nicolai Sant li kkonfermaw dak li marret "tirrapporta" l-kwerelanti.

Ghalhekk dan l-ilment ta' l-appellant Vella huwa michud.

L-appellant Vella jkompli jghid illi sabiex tista' tinsab htija, il-prosekuzzjoni trid tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni kondotta volontarja negligenti da parti tieghu, liema kondotta trid tkun dovuta ghal nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Inoltre, ikompli l-appellant, din il-kondotta trid tkun segwita b'ness ta' kawzalita` mill-event dannuz involontarju. Jghid illi f'dan il-kaz gie ppruvat li l-kompitu li kellu kien li jwaqqa' l-bini antik ezistenti. Mela l-hsara hija parti intrinsika fix-xoghol li hu gie mqabbad jaghmel u hu esegwieh. Hadd ma allega illi fil-bini ta' fejn hu waqqa' kien hemm xi hsara

minhabba it-twaqqiegh. Xoghlu ghamlu skond is-sengha u l-arti. Waqqa’ l-postijiet bl-idejn. Ma kien hemm l-ebda nuqqas ta’ hsieb, jew traskuragni jew nuqqas ta’ hila. Lanqas xi prova li ma harisx ir-regolamenti ta’ kif kellu jesegwixxi dan ix-xoghol ta’ twaqqiegh. L-appellant jghid illi kif stabbilit fil-gurisprudenza taghna, in-negligenza fis-sens tad-dritt penali ghandha tkun *“such culpable negligence as amounts to criminal misconduct”* (Il-Pulizija v. Col. Stephan J. Borg, 19 ta’ Jannar 1963). L-appellant qatt ma seta’ jipprevedi illi meta nghata struzzjonijiet biex jaghmel dan ix-xoghol, hu ma kienx qed jaghmel dak li kien fin-normalita` li jaghmel. L-appellant jiccita lill-gurista Carrara: *“il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere sconfina il caso dalla colpa.”* Isostni ghalhekk li ma kellux jinstab hati ta’ l-ewwel imputazzjoni.

Mill-provi jirrizulta illi l-appellant Vella tqabbad sabiex jaghmel xoghol ta’ twaqqiegh ta’ bini li kien adjacenti u sovrastanti l-fond 54 Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan. L-ilment tal-parte civile f’dan il-kaz mhuwiex illi saret hsara fil-bini li twaqqa’ izda li minhabba dak it-twaqqiegh saret hsara fil-fond 54 Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan. Dorothy Lentini ssostni li hi inkwilina ta’ dan il-fond. Anthony Sammut, l-appellant l-iehor, isostni illi Dorothy Lentini mhijiex l-inkwilina izda ommha kienet l-inkwilina u li Dorothy Lentini m’ghandha l-ebda titolu, tant li lanqas biss kienet qed toqghod fl-imsemmi fond. Decizjoni dwar jekk Dorothy Lentini ghandhiex titolu jew le tispetta lill-Qrati ta’ kompetenza civili u mhux lil din il-Qorti. Mill-provi prodotti, dak li jirrizulta lil din il-Qorti hu illi Dorothy Lentini kellha almenu l-pussess ta’ l-imsemmi fond, tant li kellha c-cavetta tieghu, kellha affarijiet ta’ natura mobbli fih u, salv prova kontrarja, kien hemm hwejjeg mobbli ta’ ommha li taghhom hija kellha sehem indiviz ma’ hutha.

Jidher li l-akbar hsara grat meta planka antika tal-konkos li mit-triq ta’ wara kienet taghti access ghall-fond sovrastanti dak in kwistjoni, cediet u kkawzat hsara mhux biss fil-fond numru 54 Triq Gorg Borg Olivier (li l-proprjetarju tieghu huwa l-appellant Anthony Sammut), izda wkoll f’xi uhud mill-oggetti mobbli msemmija. L-appellant Vella jghid illi

din il-planka kellha biss qabda ta' zewg pulzieri u nofs. Kien l-istess Vella li rrapporta lill-Pulizija dan l-incident. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prekawzjonijiet biex din il-planka ma ccedix kellhom jittiehdu qabel u mhux wara li bdiet iccedi. Il-hsara f'uhud mill-mobbli kienet konsegwenza tal-hsara li saret fil-bini u, peress illi l-imputazzjoni tirreferi biss ghall-hsara li saret ghad-dannu ta' Dorothy Lentini, l-appellant Vella jrid iwiegeb ghall-hsara li saret f'dawk il-mobbli. Jirrizulta li l-planka ma gietx sorretta fil-hin ukoll minhabba burokrazija eccessiva, tant li lanqas permess ma nhareg sabiex tkun tista' tinghalaq it-triq. Ghalhekk hemm certament lok ta' temperament fil-piena.

Dwar it-tieni imputazzjoni l-appellant Vella jghid illi sabiex tinsab htija taghha, il-prosekuzzjoni kellha tipprova b'certezza morali illi Dorothy Lentini kellha xi proprjeta` u li meta l-appellant kien qed jesegwixxi x-xoghol tieghu hu kien jaf li qed jaghmel din il-hsara. Jghid li l-prosekuzzjoni kellha tipprova wkoll fil-grad rikjest mil-ligi illi kif jistipula s-subartikolu, il-vjolazzjoni kellha tkun tali li "mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'ohra f'dan il-Kodici." Bl-ewwel imputazzjoni hija l-prosekuzzjoni stess illi qed tghid illi din il-vjolazzjoni nsibuha band'ohra fil-Kodici Kriminali. Fit-tieni lok, isostni l-appellant, huwa ma nvada jew ivvjola l-ebda proprjeta` ta' terzi; ghalih il-proprjeta` li kien qed jahdem fiha kienet tal-proprjetarju li qabbdu. Dorothy Lentini stess qatt ma pprezentat xi mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni kontra l-appellant ghaliex qatt ma kkunsidratu bhala vjolatur tal-proprjeta` li hi allegat li kellha.

Dwar din it-tieni imputazzjoni, m'hemmx prova li l-appellant Vella kkommetta xi vjolazzjoni <u>ohra</u> kontra l-proprjeta` ta' Dorothy Lentini salv il-hsara involontarja f'xi proprjeta` mobiljarja. U din it-tieni imputazzjoni ghandha hawn titqies bhala alternattiva ghall-ewwel wahda. Ghalhekk ma kellux jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Dwar l-appellant Anthony Sammut</u>**

Is-sottomissjoni preliminari ta' l-appellant Anthony Sammut hija illi c-citazzjoni hija nulla ghax dedotta kontra tieghu personalment meta l-fond mertu tal-kawza hu proprjeta` ta' socjeta` kummercjali. Din is-sottomissjoni qed tigi michuda peress illi ma ngabitx prova ta' dan.

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni l-appellant Sammut jghid illi dwarha ma hemm l-ebda kwerela. Hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fuq fir-rigward ta' aggravju simili avvanzat mill-appellant l-iehor John Mary Vella, u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija tichad dan l-ilment.

Kwantu ghar-reat per se, l-appellant jghid illi dan hu reat min-natura tieghu involontarju. L-ewwel ingredjent illi jrid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni hu l-kondotta volontarja negligenti segwita b'ness ta' kawzalita` minn event dannuz involontarju li fil-kaz odjern allegatament jikkonsisti filli l-appellant Sammut ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, cioe` l-fond imsemmi. Il-prosekuzzjoni imbaghad trid tipprova li dan kollu sar ghad-dannu ta' Dorothy Lentini. L-appellant jghid illi meta wiehed janalizza l-fatti jsib li dan ir-reat m'ghandux ezistenza legali: il-kondotta volontarja ta' l-appellant saret bi qbil; il-kondotta tieghu ma kinitx negligenti; min-natura tal-progett il-hsara kienet wahda konsegwenzjali; il-fatt jekk il-hsara saritx ghad-dannu ta' Dorothy Lentini hi d-disputa pendenti quddiem il-Qrati Civili; Dorothy Lentini ma hi se tbati l-ebda dannu ghax jekk hi ghandha ragun, hija se tiehu l-appartament u garaxx li riedet.

Kif diga` ntqal qabel, Dorothy Lentini kellha proprjeta` mobiljarja fil-fond imsemmi, u saret hsara fiha minhabba imprudenza ta' min kien qieghed jaghmel xoghlijiet fil-fond sovrastanti. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Fenech et** deciza fit-13 ta' Settembru 2007:

**"Illi fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, meta jigu intraprizi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u bhala rizultat ta' dawn jissucciedu incidenti li jikkagunaw danni materjali jew addirittura offizi fuq il-persuna, u dan ikun jidhe li gara minhabba nuqqas ta' hsieb,**

**traskuragni jew addirittura minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ir-responsabbilta` kriminali testendi mhux biss ghall-haddiema u kuntratturi li jkunu qed jissorveljaw l-istess xoghlijiet imma addirittura ghandha testendi wkoll ghas-sidien jew zviluppaturi li jkunu ordnaw u kkommettew l-istess xoghlijiet lil dawn il-persuni, dment li ma jirrizultax li dak li jkun sar, ikun sar b'abbuz mill-istess haddiema, kuntratturi jew periti u kontra l-volonta` espressa jew implicita tal-izviluppatur jew sid li jkun ordna l-istess xoghlijiet u ad insaputa tieghu. Jinkombi ukoll fuq l-izviluppatur li jipprevedi u jipprevjeni kull perikolu prevedibbli meta hu jordna xoghlijiet u jekk ma jaghmilx dan, ikun passibbli ghar-responsabbilta` kriminali marbuta ma' kull event dannuz."**

L-appellant Sammut ghandu ghalhekk iwiegeb ghall-hsara li grat fil-hwejjeg mobbli msemmija.

Rigward it-tieni imputazzjoni, l-appellant isostni illi sabiex tirnexxi, il-prosekuzzjoni trid tipprova illi l-vjolazzjoni kienet tali li "mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'ohra f'dan il-Kodici." Bl-ewwel imputazzjoni hija l-prosekuzzjoni stess illi qed tghid illi din il-vjolazzjoni nsibuha band'ohra fil-Kodici Kriminali. Minghajr pregudizzju, il-provi prodotti ma jwasslux b'certezza morali li kien hemm xi vjolazzjoni u wisq izjed hsara.

Peress illi l-appellant huwa hati ta' l-ewwel imputazzjoni, ma kellux jigi dikjarat hati wkoll tat-tieni imputazzjoni li f'dan il-kaz ghandha titqies bhala alternattiva ghall-ewwel wahda.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, l-appellant jghid illi dan ir-reat hu kompriz u involut fl-ewwel zewg imputazzjonijiet. Jghid ukoll illi meta wiehed iwaqqa' post bil-fors illi se jidhol fih sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Pero`, jissottometti, l-ispirtu ta' l-artikolu 330 ma jinkwadrax fil-fatti ta' dan il-kaz. Hawn ma kien hemm l-ebda abbuz, tant li l-Qrati Civili ghal darba darbtejn ma accettawx it-talba ta' Lentini biex ix-xoghol ma jkomplix. Hu veru illi d-

definizzjoni taht l-artikolu 264 tkopri x-xoghol li kien qed isir u sa certu punt anke dak ta' l-artikolu 266, pero` l-pern ta' kollox hu t-tifsira tal-kelma "abbuzivament". Ma ngabux provi li juru li t-twaqqiegh sar abbuzivament. Il-pern ta' kollox jibqa' d-disputa bejn il-partijiet.

Rigward ir-raba' imputazzjoni, l-appellant irrefera ghall-elementi karatteristici ta' dan ir-reat u sostna li meta sar it-twaqqiegh ma kienx hemm opposizzjoni stante li anzi Dorothy Lentini riedet illi l-progett jibda biex tinghata l-appartament il-gdid; kien hemm zewg mandati li gew michuda u kwindi Anthony Sammut ma twaqqafx milli jkompli bix-xoghol; u ma hemmx l-element tad-dolo.

It-tielet imputazzjoni tittratta dwar "dhul" abbuziv u mhux "twaqqiegh" abbuziv, filwaqt illi r-raba' imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' *ragion fattasi*. Diga` gie determinat li Dorothy Lentini kellha l-pussess tal-fond in kwistjoni. L-appellant Sammut jammetti li kien hemm xi ghamara kif ukoll ic-*chair-lift* li huwa nehhihom biex ma tigrilhomx hsara. Dan ghamlu minghajr ma nforma minn qabel lil Dorothy Lentini.  Biex ghamel hekk, kellu necessarjament jidhol fil-fond imsemmi. Ma kellux cavetta ta' dan il-fond peress illi t-trattattivi ma' Dorothy Lentini ma kinux gew konkluzi. Effettivament jidher illi l-appellant Sammut ghamel hekk, u aktar (u cioe`, halla wkoll it-twaqqiegh tas-soqfa ta' l-istess fond) ghax qies li Lentini ma kinitx inkwilina u b'hekk ha l-ligi b'idejh.

L-appellant jghid illi zewg mandati ta' inibizzjoni mitluba minn Lentini fil-konfront tieghu gew michuda. Dan sar peress illi jidher li dak li r-rikorrenti riedet li zzomm li ma jsirx bil-hrug tal-mandat kien diga` sar[1].

Ghalhekk l-appellant Sammut instab hati tajjeb tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, b'dan illi hemm l-assorbiment tat-tielet fir-raba' imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi :

---

[1] Digriet tat-2 ta' Marzu 2007 fl-atti tar-rikors numru 154/07 fl-ismijiet Dorothy Lentini vs Anthony Sammut u digriet tas-26 ta' April 2007 fl-atti tar-rikors numru 467/07 fl-ismijiet Dorothy Lentini vs AS & B Ltd.

Tiddeciedi billi (1) fir-rigward ta’ l-appellant Anthony Sammut tittratta mieghu mill-gdid, ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah izda ssibu hati ta’ l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, bl-assorbiment tat-tielet imputazzjoni fir-raba’ imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 328(d), 330(b), 85 u 17(b)(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-fedina penali aggornata ta’ l-appellant, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien sentejn millum, (2) fir-rigward ta’ l-appellant John Mary Vella, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u minn dik l-imputazzjoni tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu hmistax-il gurnata detenzjoni u minflok, u wara li rat il-fedina penali aggornata tieghu, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien disa’ xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------